Ittra
lill-Kommunità
Parrokkjali taż-Żejtun

6



Pittura ta' S. Katarina fil-bażilka ta' S. Klement, Ruma

*harga specjali*

# FESTA TA' SANTA KATARINA VERĠNI U MARTRI

L-ogħla prova ta' fedeltà lejn Kristu u l-Knisja
kien il-martirju,
kelma li fil-Grieg tfisser xhieda.
Kien għalhekk li l-martirju dejjem tqies privileġġ veru
u grazzja speċjali.
Il-martri kienu l-glorja tal-kommunitajiet Insara.
Il-fdalijiet tagħhom kienu jinġabru,
iċ-ċirkustanzi tar-rebħa tagħhom kienu jingħadu
lil kommunitajiet ġirien,
il-jum li fih "twieldu għas-sema" kien jitfakkar kull sena.

Patrick Verbraken

# IL-FESTI POPOLARI...Skond il-Papa Pawlu VI

Ir-reliġjożità popolari, wieħed jista' jgħid bi żgur,
għandha l-limitazzjonijiet tagħha.
Ħafna drabi jistgħu jidħlu fiha
forom żbaljati ta' reliġjożità,
and superstizzjonijiet ukoll.
Ħafna drabi tibqa' biss turija kulturali
bla ma tqanqal il-fidi.
Tista' wkoll twassal għall-formazzjoni ta' setet
u tpoġġi fil-periklu l-kommunità vera tal-Knisja.

**Il-għatx t'Alla**

Iżda jekk tkun organizzata tajjeb,
speċjalment bi pjan ta' evanġelizzazzjoni,
ir-reliġjożità popolari hi mimlija valuri.
Hija tixhed il-għatx t'Alla
li ċ-ċkejknin u l-foqra biss kapaċi jħossu;
tislet il-ġenerożità u s-sagrifiċċju erojku,
fejn tkun kwistjoni li turi t-twemmin;
torbot magħha sens fin ta' dak li hemm f'Alla:
li hu missier, li jipprovdi, li hu preżenti dejjem u bl-imħabba;
tnissel kwalitajiet li rari tarahom band'oħra fl-istess grad:
paċenzja, is-sens tas-salib fil-ħajja ta' kuljum,
distakk, interess fl-oħrajn, devozzjoni.
Minħabba dawn l-aspetti
aħna nsejħulha minn qalbna 'pietà popolari',
jiġifieri reliġjon tal-poplu, iżjed milli reliġjożità.

**realtà għanja u dgħajfa**

L-imħabba pastorali għandha tnebbaħ
lil dawk kollha li l-Mulej poġġa bħala kapijiet
ta' kommunitajiet fil-Knisja,
liema linja u mġieba għandhom jieħdu
fejn tidħol dir-realtà,
hekk għanja u hekk dgħajfa.
L-ewwelnett wieħed għandu jkun sensibbli,
għandu jagħraf jislet l-aspetti interjuri tagħha
u l-valuri veri tagħha,
ikun lest igħinha tegħleb il-perikli tagħha ta' tgħawwiġ.
Jekk tkun immexxija fuq linja tajba,
dir-reliġjożità popolari tista' tkun dejjem iżjed,
għall-kotra tal-poplu tagħna,
laqgħa vera m'Alla f'Ġesù Kristu.

— il-Papa Pawlu VI
fid-dokument tiegħu EVANGELII NUNTIANDI
tat-8 ta' Diċembru 1975.

# Santa Katarina Turina t-Triq



Il-qaddisin naħsbu li qegħdin hemm biex meta jinqalgħalna xi gwaj ikollna lejn min nirrikorru. M'hemmx dubju li huma jgħinuna bit-talb tagħhom. Pero' l-qaddisin qegħdin hemm biex juruna t-triq li aħna għandna ngħaddu minnha, biex ngħixu l-ħajja li għexu huma.

Nieħdu lil S. Katarina, il-qaddisa tagħna. Għexet Verġni u mietet Martri. Jiġifieri t'ħajjitha riedet li sserraħ biss fuq Alla, li tkun kollha kemm hi tiegħu. X'lezzjoni għalina lkoll! Kemm ninsewh lil Alla u nwarrbuh biex infittxu s-sodisfazzjonijiet tagħna. Kemm hi nieqsa d-dinja tagħna minn nies li japprezzaw u jgħixu s-safa!

Biex S. Katarina waslet biex ħadet il-martirju min jaf minn kemm provi ta' tbatija — persekuzzjonijiet żgħar — għaddiet matul ħajjitha! **Kull** nisrani huwa msejjaħ biex jerfa' salibu. Anzi Ġesù semma li rridu nkunu bħall-qamħa li taqa fl-art **u tmut** biex tagħti l-frott.

KEMM kienet tkun isbaħ ħajjitna kieku nifhmu aħjar dal-kliem ta' Ġesù u nwettquh.

Santa Katarina, bħall-qaddisin l-oħra kollha, għamlet il-ġid f'ħajjitha u tibqa' tagħmel il-ġid wara mewtha. Dan hu l-idejal tagħna lkoll, dan hu x-xogħol tagħna. Hi qed turına t-triq.

*L-ARĊIPRIET*

# BDEW JITWAQQFU L-GRUPPI PARROKKJALI

F'waħda mill-laqgħat tal-presbiterium jew tas-saċerdoti tal-parroċċa konna tkellimna fuq il-ħtieġa li nwaqqfu xi gruppi ta' nies li jistgħu jgħinu fil-ħajja pastorali tal-parroċċa. S'issa hemm tlett gruppi, li għalkemm għadhom bidu, n'stgħu ngħidu li diġa beda jinħass x-xogħol tagħhom.

## IL-GRUPP TAL-LITURGIJA

Forsi mhux kulħadd jifhem biżżejjed kemm hu importanti li l-liturġija fil-parroċċa (jiġifieri Quddies tal-Ħadd) in-nies tiġi bil-qalb, u tieħu sehem u toħroġ mill-Knisja kuntenta. Għax tkun sabet ambjent sabiħ, ambjent ta' talb li jgħinha tersaq lejn Alla. Mill-banda l-oħra meta l-liturġija ssir biex ssir u meta n-nies jiġu bil-fors, ftit li xejn jisfa ta' ġid.

L-iskop tal-grupp lituġiku hu li naraw flimkien kif sejrin l-affarijiet u x'nistgħu nagħmlu biex imorru aħjar. F'laqgħa li saret semmejna dawn il-ħwejjeġ: il-bżonn tal-kotba tal-kant, noticeboards fejn jidhru aktar, serviżż aħjar mill-abbatini, laqgħat regolari għal-lettudi, sorveljanza aktar f'xi quddies. Il-membri tal-grupp huma: l-Arċipriet u Dun Salv Mallia, Joe Caruana, Tony Geraldi, Frankie Camilleri, Paulette Galea, Carmen Muscat u Sister T. Agius.

## IL-GRUPP CARITAS

Dis-sena l-Caritas Malta ħejjiet programm ta' għajnuna lill-paroċċi biex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-funzjoni tagħhom bħala l-ewwel kommunitajiet li joffru għajnuna fil-livell lokali lil min isib ruħu fid-diffikultajiet.

Iż-Żejtun hu waħda mill-ħames parroċċi li ntgħażlu biex fihom jinbeda dal-programm parrokkjali. Għal dal-għan inħoloq grupp ta' nies li se jikkordinaw ix-xogħol soċjali u karittattiv fil-parroċċa. Il-grupp se jieħu sehem fi programm ta' taħriġ li dalwaqt jibda. Parti mittaħriġ se tkun inkjesta dwar il-ħteġijiet u r-riżorsi tal-parroċċa. Il-koperazzjoni tal-membri kollha tal-kommunita parrokkjali hija meħtieġa biex dal-programm jirnexxi għall-ġid tal-parroċċa.

Dawk li jiffurmaw il-grupp tal-Caritas fiż-Żejtun huma: l-Arċipriet u Dun Remiġ Saliba, K.Vanier, T.Abela, T.Cumbo, R.Caruana, R.Ellul, V.Caruana, R.Caruana, A.Camilleri, M. cat, G.Sinagra u J.Busuttil.

## IL-GRUPP KATEKETIKU

Qiegħed biex jieħu ħsieb it-tagħlim tar-reliġjon fil-parroċċa.

Fih hemm l-Arċipriet u Dun Anġ Seychell, Joe Deguara u Ġenerosa Bonniċi, superjuri lokali tal-MUSEUM, Madre Ġustina Bartolo tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Gesu, Sister Agnes tas-Sorijiet Gesu Nażżarenu, Ġemma Galea tal-Azzjoni Kattolika u Anna Spagnol, omm u katekista.

Qed jaħdem biex ikun hemm kordinament sħiħ bejn dawk kollha li jgħallmu r-reliġjon lit-tfal fid-divedsi ċentri li jeżistu fil-parroċċa. Qed jiżdiedu l-katekisti b'mod li kull klassi qed ikollha numru iżgħar ta' tfal biex jitgħallmu aħjar. Il-katekisti kollha tal-parroċċa qed jużaw l-istess kotba fit-tagħlim.

Gie ipprovdut servizz ta' minibus darbtejn fil-ġimgħa għall-għadd kbir ta'tfal li joqogħdu fil-Housing Estate.

Dis-sena t-tagħlim tad-duttrina beda fl-istess data u tqassmu posters apposta biex ifakkru lill-ġenituri.

Il-ġenituri se jibda jkollhom laqgħa fix-xahar għalihom — darba għall-misserijiet filgħaxija u oħra għall -ommijiet wara nofsinhar.

Il-katekisti qed ikollhom it-tieni kors tagħhom fil-parroċċa — dis-sena b'konferenza u talb darba fix-xahar.

It-tfal il-kbar tal-iskola primarja qed ikollhom quddiesa għalihom fl-Oratorju kull l-ewwel Gimgħa tax-xahar.

# Id-Dar ta' l-Arċipriet



ELEVATION. DOMUS CURIALIS, ZEJTUN.

Hija x-xewqa tal-Arċisqof illi f'kull parroċċa jkun hemm dar tal-knisja fejn jista joqgħod il-Kappillan tal-Post. Fil-każ taż-Żejtun, kienet ħaġa tajba li kienu ħasbu għad-dar. Biss nħass il-bżonn li tiġi rinnovata.

Malli waslu l-permessi meħtieġa fil-bidu ta' din is-sena, ix-xogħol tal-ġebel beda minnufih mill-aħwa Salvu u Grezzju Bonavia miż-Żejtun. Il-Perit R. Demicoli għaraf iżomm ħafna l-istil oriġinali tad-dar. Saru xi alterazzjonijiet fil-pjan t'isfel u nbena il-pjan ta' fuq. B'hekk id-dar saret ħafna aktar spazjuża.

Kien jixraq li l-Knisja taż-Żejtun, mas-swali u l-imħażen li għandha, jkollha dar addattata għall-arċipriet.

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTA KATARINA V.M.

## *FESTI TA' GEWWA*

**Il-Hadd, 9 ta' Novembru:**
fid-9.00 a.m. Tixxandar fuq Cable Radio quddiesa mill-knisja parrokkjali.
fil-11.00 a.m. Hruġ tal-vara min-niċċa.

**It-Tnejn, 10 ta' Novembru:**
fis-6.00 p.m. Quddiesa u Vestizzjoni tal-Abbatini minn Dun Alwiġ Deguara.

**It-Tlieta, 11 ta' Novembru:**
fis-6.30 p.m. Quddiesa minn Dun Anton Vella, Arċipriet taż - Żurrieq u Adorazzjoni flimkien.

**L-Erbgħa, 12 ta' Novembru, l-Ewwel Jum tat-Tridu:**
fil-5.30 p.m. Għasar bil-Malti; Quddiesa Kantata minn Dun Karm Zammit, Kappillan ta' Ħal Għaxaq; jippriedka Patri Albert Micallef ofm; Innu, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika mill-Kanonku Gustav Barbara.

**Il-Ħamis, 13 ta' Novembru, it-Tieni Jum tat-Tridu:**
fil-5.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel. Iqaddes Dun Joe Carabott, Arċipriet tas-Siġġiewi u jiffunzjona l-Kanonku Ġużeppi Bonello.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, it-Tielet Jum tat-Tridu:**
fil-5.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel. Iqaddes Dun Lawrenz Mifsud Arċipriet tal-Birgu u jiffunzjona l-Kanonku Ġovanni Palmier.

**Is-Sibt, 15 ta' Novembru, Lejlet il-Festa:**
fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata, Te Deum u Antifona. Jiffunzjona Monsinjur Pantaleone Orland.
fil-5.00 p.m. Traslazzjoni Solenni mill-Arċisqof Emeritus Monsinjur Mikiel Gonzi; Għasar u ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Monsinjur Ġużeppi Minuti.
fis-6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata: jippresiedi Monsinjur Ġużeppi Lupi.

**Il-Ħadd, 16 ta' Novembru, Jum il-Festa:**
Quddiesa bl-omelija fl-4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 7.00 a.m.
fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni mmexxija minn Monsinjur Salv. Grima.
fit-8.45 a.m. Tifħir kantat ta' Sbiħ il-Jum.
fid-9.30 p.m. Quddiesa Pontifikali Solenni Konċelebrata.
Jippriedka l-paneġierku Patri Kamillu Aquilina ofm.
Wara l-pontifikal jkun hemm Quddiesa oħra.
fl-4.30 p.m. Għasar Solenni, Purċissjoni u Barka Sagramentali.

**Nhar il-Festa jiffunzjona Monsinjur Ġużeppi Minuti. Il-mużika tkun diretta mis-Surmast Frankie Diacono.**





## *FESTI TA' BARRA*

**L-Erbgħa, 12 ta' Novembru:**
fis-7.30 p.m. Marċ mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq.

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru:**
fis-7.30 p.m. marċ mill-Banda Żejtun mat-toroq prinċipali (bl-istatwa ta' S. Katarina tal-Każin).

**Is-Sibt, 15 ta' Novembru:**
fis-7.00 p.m. Marċi mill-baned Żwieten 'Beland' u 'Żejtun'. Wara programmi mużikali. Iż-Żejtun Band se ddoqq Programm Mużikali li fih se jindaqq għall-ewwel darba innu ġdid lil S. Katarina V.M. b'versi ta' Trevor Zahra u mużika tas-Surmast Jos. M. Barbara. Il-Banda Beland iddoqq Programm Mużikali li fih jieħu sehem il-Kor Tolentin ta' Ħal Tarxien immexxi minn Patri B. Coppini OSA. Jindaqq l-Innu ta' S. Katarina V.M., versi ta' Dun Mikiel Cassar u mużika tas-Surmast Karlu Diacono.
fil-11.00 p.m. Logħob tan-Nar f'Misraħ Diċembru Tlettax magħmul minn J. Farrugia tal-Każin ta' Lourdes, Qrendi.

**Il-Ħadd, 1à 16 ta' Novembru:**
fit-8.30 a.m. Marċ Brijuż miż-Żejtun Band akkumpanjata mill-Banda S.Mikiel ta' Ħaż-Żabbar.
fis-1.00 p.m. Marċ Brijuż mill-Banda Beland mat-toroq ewlenin taż-Żejtun.
Mill-4.30 p.m. Marċi u programmi mill-Banda S. Katarina taż-Żurrieq, S. Lawrenz tal-Birgu, S. Ġużepp ta' Ħal Għaxaq u Pinto ta' Ħal Qormi.

# Meta z-Zwieten qattghu l-Bandiera Franciza

*mir-Rapport*

*tal-Perit*

*Mikiel Cachia*

"Iż-Żejtun baqa' aktarx kwiet sal-għada filgħodu u ma tqanqal xejn, u ħadd ma ħareġ mir-raħal billi kienu nstemgħu xi kanunati u tiri t'azzarini min-naħa tal-Imdina fil-lejl ta' qabel.

Iżda fis-sitta ta' filgħodu ndaqqu l-qniepen tal-knisja u f'daqqa waħda l-misraħ tal-Knisja mtela' bin-nies. Jiena mort hemm ukoll biex nara x'inqala'. Kif wasalt il-maħt xi nies iqattgħu l-bandiera Franċiża li kien hemm tperper fuq il-bejt tal-knisja u jixħtuha għal fuq iz-zuntier, xi rġiel telgħu wieħed fuq l-ieħor biex jaqilgħu l-arma Franċiża ta' fuq il-bieb tal-knisja, tefgħuha mal-art u farrkuha. Iżda wara li għamlu dan, naqset il-furja u kulħadd baqa' maħsud bla ma jaf x'jagħmel u aktarx imbeżża'.



Il-knisja parrokkjali taż-Żejtun
"Ilmaħt xi nies iqattgħu l-bandiera Franċiża li kien hemm tperper fuq il-bejt tal-knisja"

**Lemħuni fuq iz-zuntier**

X'ħin in-nies lemħuni fuq iz-zuntier resqu wħud minnhom li kienu nies magħrufin fir-raħal u talbuni ngħidilhom x'għandhom jagħmlu. Għalhekk jiena weġibthom:-

'Jiena minix xi bniedem militari, u lanqas ma nifhem fil-ħwejjeġ tal-gwerra, għalhekk aħjar li ssibu lil xi ħadd ieħor aħjar minni u mhux lili'.

Iżda huma weġbuni:-

'Ma kontx int Ajjutant Ġenerali tar-Riġment tar-raħal fi żmien l-Ordni? U kont inti tmexxi u tikkmanda dak kollu li kellu x'jaqsam mal-militari; issa qed tgħidilna li ma għandekx ħila għal dan? Dan jurina li inti ġakbin u kontra tagħna!'

Maqrus minn dan il-kliem jiena għamilt dan id-diskors f'nofs il-misraħ u quddiem kulħadd:-

'Jiena qatt ma kont kontra pajjiżi, u nittama li bil-

għajnuna t'Alla dan ma nkun qatt. Ladarba intom qed turu fiduċja fija jiena bil-qalb kol-lha nilqa' din it-talba tagħkom, iżda tridu taħillfuli li tagħmlu dak kollu li ngħid jiena, basta jkun floku.'

**Jingħalqu t-toroq kollha**

Dakinhar stess, it-Tnejn, fit-tmienja ta' filgħodu, ttieħed il-ġurament. Għalhekk l-ewwel amar tiegħi kien li jingħalqu t-toroq kollha u li jittellgħu ħaġar fuq il-bjut tad-djar biex jitwaddab fuq il-għadu. Ħallejt il-bejt tal-Knisja bħala l-post tal-irtirata fil-każ ta' ħtieġa, u hemm tellgħu l-għodda biex jitkisser il-ħaġar li kien hemm fuq il-bejt lest biex jitkompla l-gwarniċun. Qabbadt oħrajn jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ tal-ikel, waqt li oħrajn ifittxu l-armi, il-porvli u kulma hu tajjeb għall-gwerra.

Malli kont imgħarraf li l-Franċiżi kienu tellqu mill-Porvlista l-Kbira (tal-Kottonera) bgħatt malajr xi nies ta' ħila li ħatfu minn hemm daqs għoxrin kartell porvli li ġibuhom fiż-Żejtun. Bit-tfittxija għall-armi sibna 17-il xkubetta żgħira u xi daqshom ieħor tal-kaċċa, ftit xwabel u bajjunetti qodma.

Kif rajna kemm jagħtu kuraġġ l-armi, ħsibt biex inżidhom, u għalhekk ordnajt li lil-lasti tal-insiġ jagħmlulhom ponta tal-ħadid minn xi metall qadim li sibna u b'hekk għamilna għadd mhux ħażin ta' labardi."

— **mir-rapport li kiteb il-perit Mikiel Cachia, kap ewlieni taż-Żwieten fl-irvell kontra l-Franċiżi li beda fit-2 ta Settembru 1788, kif jidher fil-ktieb ta' Walter R. Zahra STORJA TAŻ-ŻEJTUN U L-INHAWI TIEGĦU.**

# *IL-KOR TAL-PARROCCA*

Eżatt sena ilu, fil-ġimgħa tal-festa ta' S. Katarina, grupp żgħir ta' tfal kantaw l-ewwel quddiesa tagħhom. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-grupp — illum huma madwar għoxrin — baqa' jiltaqa' regolarment biex kull nhar ta' Ħadd jieħu sehem fil-quddiesa kantata. U jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa biex jitgħallmu.

Min semagħhom f'xi quddies jew f'xi tiġien jinduna li huma mħarrġin tajjeb. Lilhom nawgurawlhom u lil Joe Caruana, li jieħu ħsiebhom, nirringrazzjawh għall-entużjażmu u l-paċenzja tiegħu.

# *MISSJONI MILL-KAPPUCCINI FIL-GRANET TAL-FESTA*

Se jerġa' jkollna fostna fil-ġranet ta' qabel il-festa — il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt — kemm fil-għodu kif ukoll fil-għaxija, il-patrijiet Kappuċċini biex jaqduna għall-qrar.

Tkun okkażjoni għalina lkoll biex nersqu bil-kumdita' għas-sagrament tal-Qrar. B'hekk biss li nħejju ruħna tassew biex niċċelebraw il-festa.

# *INNOTAW DAWN ID-DATI TAL-1981*

— il-festa tal-Għid il-Kbir taħbat fid-19 t'April.

— Il-Griżma tal-Isqof tingħata fis-7 ta' Ġunju.

— L-Ewwel Tqarbina tat-Tfal issir fl-14 ta' Ġunju.

— Il-festa ta' S. Katarina taħbat fil-15 ta' Novembru.

ZONA MADONNA TAL-ĦNIENA

# *SE JISSOKTA L-BINI TAL-KNISJA*

Wara żmien ta' waqfien, il-bini tal-ġenb tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, Bir id-Deheb, se jissokta dalwaqt. Trid tinbena n-naħa tax-xellug tal-knisja, biex tiġi pariġġ man-naħa tal-lemin, li kienet tlestiet xi żmen ilu.

Se jibda wkoll ix-xogħol fil-bini tal-kampnar, li għandu jiġi n-naħa tat-triq li minn Tal-Ħniena tagħti għal Triq il-25 ta' Novembru.

Il-knisja tal-Ħniena, li hi mdaqqsa ġmielha, taqdi l-ħtieġijiet pastorali ta' madwar elfejn ruħ li jattendu fiha b'mod speċjali s-Sibtijiet u l-Ħdud.

Xhieda ċara ta' kemm dawn in-nies iħobbu l-Madonna kienet l-okkażjoni tal-ġranet tal-festa tal-Madonna tad-Duluri f'Settembru li għadda. In-nies attendew bil-mijiet għall-funzjonijiet kollha u resqu għas-sagramenti.

# VETRINA ŻEJTUN

## E. GALEA STORE

**12, Pjazza Santa Marija. Tel. 871196.**

Importaturi ta' linef u brazzi, ċeramika, kmamar tas-sodda, kmamar tal-ikel, salotti, sottospekkji u kull xorta ta' affarijiet għad-dar.

---

## FOTOGRAFIJA MIFSUD

**Jos. Mifsud, 70, Pjazza Maġġura. Tel. 882002.**

---

## ĠENWIŻA CONFECTIONERY

**Jos. Bonnici, 25, Triq il-Madonna tad-Duluri. Tel. 882054.**

---

## J. BROWNRIGG INSTALLATIONS CO. LTD.

**Palazzi Street, Zejtun. Tel. 878412.**

---

## A. MERCIECA

AVVIŻ

Nixtiequ navżaw lill-klijenti li issa ninsabu fil-ħanut il-ġdid tagħna li qiegħed **Triq il-Haddara, ġo Triq Alfred Cachia Zammit. Tel. 75519.**
(A. Mercieca għal servizz komplut)

---

## GATT BROS.

**IRONMONGERY, WHOLESALE & RETAIL**

**"Lyvia" Triq S. Katarina, Żejtun. Tel. 882069.**

Fejn issibu Belgian glass, electrical and water fittings, bathroom appliances, etc.

---

## H.B.'S RENTALS

**ROSS. GALEA ENTERPRISES**

Hi-Fi Dealers, Disco Equipment, Stage Lightning.

**39, Gregorio Bonnici Sqr., Żejtun. Tel. 78664.**
**Arcades Flats, 4, Valletta Road, Siġġiewi.**

## JANIE RAPINETT ENGROS STORE

**Pjazza Carlo Diacono, Żejtun. Tel. 878595.**

---

## FARRUGIA LINO STORE

(Sale Speċjali)

**23, Mater Boni Consilii Str., Żejtun. Tel. 87680.**

Javża li l-ħanut ser jingħalaq sa l-aħħar tas-sena u għalhekk qed jagħmel **SALE SPEĊJALI** fejn issibu tixtru linef, brazzi, fanali tal-bronż iggarantiti u ċeramika.

---

## TABAR STORE

**Joe Bartolo, 34-35 Triq San Girgor. Tel. 882032/878582.**

Importaturi tal-kmamar tal-banju SPEA u madum dekorattiv tal-ħajt u art taċ-ċeramika.

---

## AMADEO SELF-SERVICE

**Housing Estate, Żejtun. Tel. 878644.**

---

## ROGER'S BAKERY

**Roger D'Emmanuele, Triq il-Kanonku De Domenico, Zejtun.**

---

## R O S E R I N E

**Triq Tal-Barrani, Bir id-Deheb. Tel. 878520.**

Drapery — Bazaar —Boutique

---

2 kotba ta' interess għaż-Żwieten:

## ST. CATHERINE OF ALEXANDRIA

her churches, paintings and statues in the Maltese Islands.
by Seraphim M. Zarb & Mario Buhagiar
244 pages, £M2 mill-Uffiċċju Parrokkjali.

---

## IŻ-ŻEJTUN U L-INHAWI TIEGHU

minn W.R. Zahra
152 paġna, £M1.10ċ mingħand l-Awtur, 33, Pjazza Girgor Bonnici.

# MEĦTA L-INSARA ĦALLSU L-PREZZ...

Il-persekuzzjonijiet bdew f'Lulju tas-sena 64,
meta Neruni l-Imperatur ħaraq lil Ruma u waħħal fl-Insara
u kien l-ewwel imperatur li ippersegwithahom bl-akbar ħruxija.
Pietru l-ewwel Papa miet fi żmien dil-persekuzzjoni.

Il-Bhima li jsemmi San Ġwann fil-Ktieb tal-Apokalissi
tidher li qiegħda għall-Imperatur Domizjanu
li ippersegwita l-Insara fi tmiem l-ewwel seklu
fil-provinċja Rumana tal-Asja, fil-Palestina u f'Ruma.

L-ewwel nofs tat-tieni seklu kien aktarx kwiet
iżda kien f'dan iż-żmien li miet Sant'Injazju t'Antijokja,
martri fil-Kolossew fi żmien l-Imperatur Trajanu.
Fit-tieni nofs qamu l-persekuzzjonijiet
taħt l-Imperaturi Markus Awreljus u Kommodus
u mietu l-martri fl-Asja, f'Ruma, fi Franza u fl-Afrika ta' Fuq.

L-Imperatur Septimus l-Aħrax firex il-persekuzzjoni.
Fis-sena 202 l-Insara u l-Lhud ma setgħux jidħlu suldati.
U mietu martri fi Franza, ġo Lyons, f'Kartaġni u f'Lixandra.
Bil-maħfra tal-Imperatur Karakalla
l-Insara kellhom intervall kwiet ta' għoxrin sena.

Decjus l-Imperatur, fis-sena 250 ordna ċensiment ġenerali
u obbliga lil kulħadd iqim lilu bis-sagrifiċċji.
Għal għaxar snin sħaħ id-demm tal-Insara xtered gelgul
u wara ġew kważi erbgħin sena ta' kwiet.

Iżda fl-293 l-Imperatur Djoklezjanu ġratlu biċċa tinkiteb.
Ġie mġiegħel jaqsam is-setgħa ma' tlieta oħra.
Kien hemm żewġ imperaturi fil-Punent u tnejn oħra fil-Lvant.

Fil-Lvant qamet l-persekuzzjoni l-iżjed vjolenti u l-itwal waħda.
Djoklezjanu ħareġ erba' digrieti, wieħed eħrex mill-ieħor,
kontra l-Insara,
kontra l-persuni u kull ma kellhom.
Il-piena kienet dejjem waħda biss, il-piena tal-mewt.
L-imperatur Massiminu mexa bl-istess ħruxija.
Kien taħt dan l-imperatur li faqqgħet il-persekuzzjoni ġo Lixandra.

Fil-Punent, iżjed minn persekuzzjoni,
inħolqot tellieqa bejn l-Imperaturi Massenzju u Kostantinu.
Spiċċat favur Kostantinu bir-rebħa tiegħu fuq Massenzju
fil-battalja tal-Pont Milvjan, ħdejn Ruma,
fil-28 t'Ottubru 312.

Il-persekuzzjonijiet intemmu bil-konverżjoni ta' Kostantinu.
Fi Frar 313 ixxandar l-Editt ta' Milan,
li bih l-Insara ngħataw il-libertà reliġjuża
minn Kostantinu fil-Punent
u minn Liċinjus fil-Lvant.

Stamperija "IL-HAJJA"